# BALLATA

Fil-bejta, fis-sur, fuq ix-xtajta
mikul, u tal-biża', xeħbieni,
fejn jiksu il-baħar bil-qawwa,
bir-ragħwa, fil-qilla waħdieni,

Il-lum l-ebd' agħsafar ma tbejjet,
lè jidwi dak l-għana sabiħ;
ix-xtieli biss juru l'hawn ħajja,
imwerċa, bla daħk u bla ġiħ;

Għax leħen li jidwi wisq faħxi
mill-bejta bla ferħ u bla rix,
ibiegħed, ibeżża' l-għasafar:
jgħidilhom li din tan-nies mhix.

* * *

Żewġ żgħażagħ, merill u merilla,
l-għors tagħhom biex igħaddu hawn ġew;
bil-qabża, bid-daħka, bil-għanja
ħuxlief sabiex jibnu ġarrew.

U l-għaxqa ta' lsienhom xħin jgħannu,
li tqiegħed il-baħar fis-skiet;
hekk għamlu 'l dir-rokna ferħana,
bis-siġar bil-weraq imliet!

U darba fil-għodu kif żernaq,
instama' taż-żgħar it-tpespis:
oh! x'għaxqa! kif taru da' ż-żgħażagħ
biex l-ikel iġibu fis fis.

Kemm qabżu il-merilli w-ittajru,
fnew qalbhom f'għanjiethom fuqana;
jittajru iżda lè ma jitbegħdu
mill-bejta taż-żgħar kollha sħana.

'Ma darba ma' lejla xitwija
kif venven u damdam ir-riħ;
u għola bil-qilla mas-sema
il-baħar, u tħawwad mill-qiegħ,

U tela' għas-sur wisq imgħaddab,
u niżżel koll xitla, koll żrara;
il-bejta dlonk ħataf, ġarr miegħu,
b'kullħadd; ah! xi ħsejjes! xi ħsara!

* * *

Ħdej l-bejta faħxija, imħollija,
le jersaq jittajjar għasfur:
da' l-baħar ibeżżgħu, w-ibegħdu,
dlonk jikser il-baħar mas-sur.

19—2—31 A. Buttigieg.